

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1842

tad-9 ta' Ottubru 2017

dwar il-politika tal-Kunsill dwar data miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240 tiegħu,

Billi:

- (1) Teknoloġiji tal-informatika u tal-komunikazzjoni ġodda ħolqu opportunitajiet bla preċedent għall-ġbir u l-ikkombinar ta' kontenut minn sorsi differenti. It-tendenza lejn soċjetà tal-informazzjoni u tal-għarfien tinfluwenza l-ħajja taċ-ċittadini kollha fl-Unjoni billi huma jkun jistgħu jiksbu modi ġodda kif jaċċessaw u jakkwistaw l-għarfien.
- (2) L-informazzjoni tas-settur pubbliku hija sors importanti ta' għarfien u innovazzjoni fis-settur privat, li tappoġġa l-ħolqien ta' servizzi diġitali aħjar għaċ-ċittadini u l-kumpanniji madwar l-Ewropa.
- (3) Il-Kunsill u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE jgħbru, jiproduċu u jxerrdu firxa wiesgħa ta' informazzjoni dwar il-politiki u l-oqsma ta' attività tal-Unjoni. L-istituzzjonijiet tal-UE iżommu dokumenti li jistgħu jerġgħu jintużaw fi prodotti u servizzi diġitali u li jistgħu jsiru riżorsa ta' kontenut utli kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-kumpanniji.
- (4) Id-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ tistabbilixxi regoli minimi għall-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku fl-Istati Membri, u hija thegġegħ lill-Istati Membri biex imorru lil hinn minn dawk ir-regoli minimi u biex jadottaw politiki ta' data miftuħa.
- (5) Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE ⁽²⁾, fl-2012 il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet il-Portal tad-Data Miftuħa tal-Unjoni Ewropea ("PDM UE") li għandu l-għan li jkun punt uniku ta' aċċess għal data mill-istituzzjonijiet tal-UE u korpi oħra tal-Unjoni.
- (6) F'Ġunju 2013, l-Unjoni approvat il-Karta tal-G8 dwar id-Data Miftuħa u impenjat ruħha li timplimenta numru ta' attivitajiet ta' data miftuħa identifikati fil-Pjan ta' Azzjoni Kollettiv tal-G8 taħt dik il-Karta.
- (7) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-24 u l-25 ta' Ottubru 2013, il-Kunsill Ewropew identifika d-data miftuħa bħala riżorsa mhux sfruttata b'potenzjal kbir għall-bini ta' soċjetajiet aktar b'saħħithom u aktar interkonnessi li jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet taċ-ċittadini u appella għall-promozzjoni attiva tal-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku.

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 90).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

- (8) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-2 ta' Marzu 2015, il-Kunsill enfasizza li sfruttament sħiħ u effiċjenti ta' għodod u servizzi bħad-data miftuħa jistgħu jixprunaw produttività u servizzi aħjar, u għandhom jiġu ffaċilitati. Barra minnhekk, fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' Mejju 2015, il-Kunsill ħeġġeġ l-iżvilupp ta' ambjent ta' politika favur id-data fl-Unjoni li jippromwovi l-interoperabbiltà, l-użu u l-użu mill-ġdid ta' data tal-gvern għal skopijiet ta' riċerka u innovazzjoni filwaqt li jiżgura l-protezzjoni meħtieġa tad-data.
- (9) Il-PDM UE bħalissa fih għadd kbir ta' settijiet u links ta' data għall-Portali tad-Data Miftuħa tal-Istati Membri. Il-Kunsill ipparteċipa fil-PDM UE mill-2015, billi uża t-tliet settijiet ta' data li ġejjin: metadata tar-Reġistru Pubbliku tal-Kunsill, metadata tat-talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Kunsill u l-voti tal-Kunsill dwar atti leġiżlattivi.
- (10) Sal-lum, il-Kunsill ipparteċipa fil-PDM UE permezz ta' proġetti pilota. Minħabba li dawk il-proġetti pilota kienu ta' suċċess, jenħtieġ li tiġi stabbilita politika dwar id-data miftuħa għal dokumenti tal-Kunsill biex tiġi massimizzata l-esperjenza miksuba sa issa u jittieħed vantaġġ minnha, u biex il-Kunsill ikun jista' jiddefinixxi l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-pubblikazzjoni u l-użu mill-ġdid tad-dokumenti tiegħu.
- (11) Politika dwar id-data miftuħa għal dokumenti tal-Kunsill ittejjeb il-fluss ta' informazzjoni bejn il-Kunsill u l-pubbliku ġenerali; twassal għal użu aktar mifrux u t-tixrid tal-informazzjoni dwar l-Unjon; issaħħaħ ir-reputazzjoni tal-Kunsill għal aċċess miftuħ u trasparenza; u ssaħħaħ ir-responsabbiltà tal-Kunsill bħala istituzzjoni pubblika.
- (12) Jenħtieġ li l-politika tad-data miftuħa għal dokumenti tal-Kunsill tippromwovi l-iżvilupp ta' għodod u applikazzjonijiet li jgħinu lill-utenti jfittxu u jidentifikaw dokumenti għall-użu mill-ġdid.
- (13) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal dokumenti li l-Kunsill mhuwiex f'pożizzjoni li jippermetti l-użu mill-ġdid tagħhom minħabba d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali ta' partijiet terzi jew minħabba sistemi ta' drittijiet ta' aċċess fl-Istati Membri.
- (14) Id-dritt ta' aċċess għal dokumenti tal-Kunsill jibqa' rregolat mir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
- (15) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għal, u tiġi implimentata u applikata f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, kif ukoll mar-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE,

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett u objettivi

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi politika dwar id-data miftuħa tal-Kunsill ("il-politika dwar id-data miftuħa") billi tiddefinixxi l-prinċipji, il-kondizzjonijiet u l-limiti li jirregolaw l-użu mill-ġdid u l-mezzi prattiċi biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid ta' dokumenti miżmuma u magħmula mill-Kunsill, kif definit fl-Artikolu 2(1).
2. Il-politika dwar id-data miftuħa għandu jkollha l-għanijiet li ġejjin:
 - (a) li ttejjeb il-fluss ta' informazzjoni bejn il-Kunsill u l-pubbliku ġenerali; u
 - (b) li tiffaċilita l-użu mill-ġdid wiesgħa ta' informazzjoni.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni tapplika għal dokumenti miżmuma u magħmula mill-Kunsill li ġew magħmula disponibbli għall-pubbliku mill-Kunsill.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

2. Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal dokumenti miżmuma u magħmula mill-Kunsill li l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jippermetti l-użu mill-ġdid tagħhom minħabba:

- (a) drittijiet ta' proprjetà intellettuali ta' partijiet terzi; jew
- (b) sistemi ta' drittijiet ta' aċċess fl-Istati Membri.

3. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal u għandha tiġi implimentata u applikata f'konformità ma':

- (a) ir-regoli dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, u b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾;
- (b) ir-regoli dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Kunsill, u b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1049/2001; u
- (c) ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE, u b'mod partikolari d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE ⁽²⁾.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "dokument" tfisser:

(a) kwalunkwe kontenut fi kwalunkwe mezz (miktub fuq il-karta jew miżmum f'sura elettronika jew bħala reġistrazzjoni ta' awdjo, viżiva jew awdjoviżiva) dwar kwistjoni marbuta ma' politiki, attivitajiet u deċiżjonijiet li jaqgħu fi ħdan l-isfera istituzzjonali ta' responsabbiltà tal-Kunsill;

(b) kwalunkwe parti ta' dak il-kontenut;

(2) "użu mill-ġdid" tfisser l-użu minn persuni jew entitajiet legali għal skopijiet kummerċjali jew mhux kummerċjali li ma jkunux l-iskopijiet inizzjali li għalihom ikun sar id-dokument;

(3) "data personali" tfisser data kif definita fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001;

(4) "format miftuħ" tfisser format ta' fajl li huwa indipendenti mill-pjattaforma u jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mingħajr ebda restrizzjoni li tostakola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti;

(5) "format li jinqara minn magna" tfisser format strutturat għal applikazzjonijiet ta' software għall-identifikazzjoni b'mod affidabbli ta' dikjarazzjonijiet individwali ta' fatti u l-istruttura interna tagħhom.

Artikolu 4

Prinċipji ġenerali

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ("is-SĠK") għandu jiżgura li d-dokumenti jsiru disponibbli għall-użu mill-ġdid:

- (a) għal kulħadd;
- (b) mingħajr il-ħtieġa ta' applikazzjoni individwali;
- (c) bla hłas; u
- (d) għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali.

Artikolu 5

Drittijiet esklussivi u mhux diskriminatorji

1. Kwalunkwe kundizzjoni applikabbli għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti għandha tkun mhux diskriminatorja għall-kategoriji paragunabbli ta' użu mill-ġdid.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

2. L-użu mill-ġdid tad-dokumenti għandu jkun miftuħ għal kwalunkwe attur potenzjali fis-suq. M'għandhomx jingħataw drittijiet esklussivi.

Artikolu 6

Kondizzjonijiet għall-użu mill-ġdid

1. Id-dokumenti għandhom isiru disponibbli għall-użu mill-ġdid skont il-kondizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) l-obbligu għal min juża mill-ġdid id-dokument li jirrikonoxxi s-sors tad-dokumenti;
 - (b) l-obbligu li ma titbiddilx it-tifsira jew il-messaġġ oriġinali tad-dokumenti;
 - (c) l-assenza ta' responsabbiltà tal-Kunsill għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta mill-użu mill-ġdid.
2. Jekk meħtieġ, is-SĠK jista' japplika kondizzjonijiet oħra għal tip partikolari ta' dokument.
3. Is-SĠK għandu jieħu miżuri xierqa biex jipproteġi d-drittijiet, l-interessi u l-immaġni pubblika tal-Kunsill fil-fora xierqa kollha.

Artikolu 7

Formati disponibbli

1. Is-SĠK għandu jagħmel id-dokumenti disponibbli:
 - (a) fi kwalunkwe format jew verżjoni lingwistika eżistenti miżmuma mill-Kunsill;
 - (b) fuq l-Internet; u
 - (c) fejn possibbli u xieraq, fformati miftuħa u li jkunu jistgħu jinqaraw minn magna.
2. Is-SĠK ma għandux ikun obligat li:
 - (a) joħloq, jadatta jew jaġġorna dokumenti;
 - (b) li jipprovdni siltiet, jekk dan ikun jinvolvi sforz sproporzjonat, li jmur lil hinn minn operazzjoni sempliċi;
 - (c) jittraduċi dokumenti fi kwalunkwe verżjoni lingwistika uffiċjali oħra għajr minn dawk disponibbli diġà; jew
 - (d) ikompli jipproduċi ċerti tipi ta' dokumenti jew li jippreserva d-dokumenti fformat partikolari bl-għan tal-użu mill-ġdid tagħhom.

Artikolu 8

Rapport

Sal-10 ta' Ottubru 2022, is-SĠK għandu jippreżenta rapport lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, inkluż l-azzjonijiet ta' implimentazzjoni meħudin mis-SĠK sabiex jagħmlu d-dokumenti disponibbli għall-użu mill-ġdid b'mod miftuħ u fformati li jistgħu jinqaraw minn magna.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-9 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
S. KIISLER